MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Numru 171/1995

***IL-PULIZIJA***
***(Spettur Alfred Mallia)***

***vs***

***Frances Debono***

Citazzjoni numru 171/1995

Illum 09 ta’ Gunju 2003.

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-imputata u dan talli:
Fis-6 ta’ Dicembru 1994 ghall-habta ta xi 2.00 pm go Triq San Guzepp l-Isla:

a) Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 238 Michael Carter, PC 178 Carmelo Curmi, PC 299 Charles Mallia u WPC 79 Anna M Johnson, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil waqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.
b) Ingurjat jew heddedt u ghamlet offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 238 Michael Carter, PC 178 Carmelo Curmi, PC 299 Charles Mallia, skond ma ccertifika Dr E Farrugia MD tac-centru tas-Sahha, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu dan is-servizz jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.
c) Kisret il-bonordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.
d) Ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija.
e) Qalet kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.
f) Fl-istess data, ghall-habta ta xi 3.00pm gewwa l-habs civili ta' Kordin qalet kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-publiku.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 5 tal-process li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni ghal din il-procedura (ara fol 8 tal-process).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzata minn jeddha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz, tista tghid, li nbeda meta l-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Antonio

Mizzi kienet ordnat il-hrug tal-Ordni, li vera kopja taghha tinsab esebita a fol 68 tal-atti, u li biha l-akkuzata giet kundannata ghaxart'ijiem (10) prigunerija in konnessjoni ma' "konverzjoni ta' multa" liema ordni ggib id-data tal-25 ta' Novembru 1994 u nharget, presumibbilment skond l-Artikoli 14 u 29 tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar il-validita o meno ta' tali ordni ma saret l-ebda kontestazzjoni. Fill-fatt jidher li kienet giet esegwita mill-pulizija billi l-akkuzata kienet ittiehdet fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fis-6 ta' Dicembru 1994 fis-2.10pm. Susseg-wentement, l-istess akkuzata kienet giet rilaxxata mill-istess Facilita Korrettiva ta' Kordin fis-7 ta' Dicembru, 1994 fl-4.30 pm minhabba li l-multa jew multi nvoluti kienu thallsu (ara x-xhieda ta' PS 1211 Richard Zammit a fol 63 tal-atti, kif ukoll ghal kull bon fini l-hekk imsejjha 'respite warrants' a fol 69 ibid u dak imnizzel a fol 67 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-incident in ezami fil-fatt jirreferi ghal meta l-pulizija marru fir-residenza tal-akkuzata, sabiex tigi esegwita l-imsemmija ordni. Dwar dan xehedu l-ispettur Anthony Polidano (fol 22 et seq ibid), l-ispettur Jimmy Abela (fol 27 et seq ibid) PC 120 Victor Pace (fol 30 et seq ibid), PC 299 Charles Mallia (fol 33 et seq ibid), PS 238 Michael Carter (fol 36 et seq ibid), PC 178 Carmel Curmi (fol 42 et seq ibid) u WPC 79 Ann Marie Johnson (fol 52 et seq ibid).

Illi PC 120 Victor Pace spjega li f'kazijiet bhal dawn in ezami, il-pulizija tibda billi taghmel telefonata lill-persuna li kontra taghha tkun inharget orndi bhal dik imsemmija sabiex tara jekk tkunx ser thallas il-multa jew ammenda nvoluta. Dwar dan, fil-fatt, l-akkuzata kienet cemplet fl-ghassa ta' Bormla u kienet tkellmet mal-istess xhud. Fil-fatt l-akkuzata "bdiet tghajjarni u tidghi fuq it-telefon u tiddikjara li mhix ser thallas il-multi jew ammendi". L-istess xhud kompla jghid li hu spjega lill-akkuzata x'kienet ser tkun il-konsegwenza ".. jekk ma thallashomx". Minhabba hekk kienu ntbaghtu xi pulizija sabiex tigi esegwita l-istess ordni.

Illi PS 238 Michael Carter, xehed illi flimkien ma’ PC 178, PC 299 u WPC 79, hawn fuq imsemmija kien mar sabiex jesegwixxi l-ordni in kwistjoni fis-6 ta’ Dicembru 1994 fir-residenza tal-istess akkuzata. Ghal bidu hadd ma kien fetah il-bieb ta’ barra, izda eventwalment l-akkuzata kienet harget fil-gallerija fuqhom u qalet “Jiena ma inhiex il-pastaza taghkom u ma inhiex ser nifthilkom”. Wara li, fil-fatt, il-bieb ma nfetahx, ix-xhud mar lura fl-ghassa u kien inghata struzzjonijiet sabiex jarresta lill-akkuzata. Fil-fatt ghall-habta tas-2.30 pm, il-pulizija marru lura u regghu habbtu mal-bieb tal-istess residenza u hawnhekk l-akkuzata stess fethitilhom il-bieb.

Meta ix-xhud dahal gewwa, hu nnota li l-akkuzata kienet qed titkellem fuq it-telefon ma xi hadd fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u semgahha tghid li l-avukat kien ta parir sabiex ma thallashomx il-multi. Hawnhekk, meta x-xhud qalilha li kellha thallas il-multi in kwistjoni, l-akkuzata marret fid-direzzjoni tal-gallerija, wara li qalet li kienet ser taqbez, izda giet mizmuma u tnizzlet l-isfel fost tghajjir u kliem hazin kif ukoll b’daqqiet ta’ ponn u ta’ sieq da parti tal-istess akkuzata. Hi inharget il-barra u ddahhlet fil-karozza wzata mill-istess pulizija fejn jidher li kkalmat u ittiehdet fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin. Hawnhekk pero, kif kienet qed tiddahhal il-gewwa, l-akkuzata regghet bdiet tghajjar u tghid kliem pastaz kif ukoll tghajjeb lill-istess pulizija. Hanwhekk ix-xhud semma li waqt dan l-incident, hu kien garrab xi feriti li jinsabu deskritti fuq l-anness Dok EF a fol 20 tal-atti liema feriti jidher li kienu hfief.

Illi in rigward id-dinamika tal-istess incident xehedu ukoll il-pulizija l-ohrajn li kienu qed jakkumpanjaw lix-xhud precedenti fl-esekuzzjoni tal-ordni mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) specifikatament PC 178 Carmel Curmi (fol 42 et seq ibid) li wkoll sofra xi griehi hfief kif deskritti fl-imsemmi Dok EF, WPC 79 Ann Marie Johnson (fol 52 et seq ibid) li jidher li ddeskriviet l-incident in ezami b’mod aktar dettaljat u PC 299 Charles Mallia li wkoll sofra xi feriti hfieh.

Illi in rigward l-istess feriti, giet prodotta d-Dottoressa Ethel Farrugia (fol 48 tal-istess atti) li kkkonfermat li kienet ezaminat lit-tlett ufficjali tal-pulizija hawn fuq imsemmija u kienet sabet fuqhom il-feriti hfief kif deskritti fuq l-imsemmi Dok EF kif ukoll fuq it-tlett certifikati medici a fol 21 ibid u mmarkati Dok EF 1.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzata ghazlet li tixhed u spjegat li ghall-habta tat-8.00 am ta' gurnata li kienet il-Hadd, fiz-zmien tal-elezzjoni kienet irceviet telefonata mill-Ghassa tal-pulizija ta' Bormla sabiex thallas l-imsemmija LM50 ghal xi raguni li ma gietx spjegata lilha u li hi ma kienitx taf x'kienet. Hawnhekk hi cemplet fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija minn fejn giet informata "li mhix suppost li jkun hemm 'warrants' esegwiti l-Hadd". Sussegwentement, irceviet telefonata ohra mill-istess ghassa msemmija, specifikatament minn pulizija mara ("wahda li eventwalment kienet giet ghandi d-dar") li qaltilha sabiex tinzel fl-istess ghassa. Ghalhekk jidher li l-akkuzata ddecidiet sabiex l-ghada titkellem ma' Avukat tal-Ghajnuna Legali filwaqt li fl-istess gurnata tal-Hadd wara li cemplet fil-Qorti hi giet infurmata "li ma ghandi xejn".
Hawnhekk skond l-akkuzata jidher li regghet cemplet fl-istess ghassa dwar x'kienet ir-raguni sabiex kellha thallas l-istess LM50 izda skond hi, kienet inghatat informazzjoni pjuttost vaga waqt li gie ripetut lilha, li fin-nuqqas ta' hlas kienet ser "nispicca il-habs" kif ukoll rrimarkat li semghet ".. .. fuq in-naha l-ohra ... jiena ma inhiex qed immissek". Wara li ghadda ftit ta' hin kienu gew il-pulizija meta hi kienet ".. kwazi lesta sejra il-Qorti". Hawnhekk hi qalet li fil-fatt, meta l-pulizija habbtu mal-bieb tad-dar taghha, hi kienet qed taghmel telefonata fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ma' certu pulizija kunjomu 'Zammit'. Ghalhekk hi, meta qatghet il-komunikazzjoni mal-istess Kwartieri, nizlet u fethet il-bieb ta' barra meta wiehed mill-pulizija uriha 'scrap book' u qalilha illi "... kelli nittiehed il-habs". Minhabba hekk hi ppruvat taghlaq l-'antiporta' izda ma rnexxilhiex ghax wiehed mill-pulizija sabbtu f'wiccha. Ghalhekk griet il-fuq u sakkret il-bieb warajha u regghet tkellmet, fuq it-telefon, ma' dik il-persuna msemmija fil-

Kwartieri Generali tal-Pulizija. In vista li l-pulizija kienu qed ihabbtu fuq il-bieb, hi regghet halliet it-telefon “on” u marret sabiex tiftah il-bieb u kif dahlu gewwa wiehed mill-pulizija qalilha “... issa tara x’naghmlulek”, hi qaltilhom li “ser immur naqbez mill-gallerija”. Ghalhekk l-istess pulizija qabduha “..tnejn minn idejja u tnejn minn saqajja” u bdiet tissielet maghhom waqt li “bdejt nghajjat fuq it-telefon .. .. ‘ara x’qed jaghmluli’ ”. Hawnhekk l-akkuzata testwalment qalet “lil pulizija ma ghamiltilhom xejn (... ma rfajtx idejja fuq il-pulizija),u “ma uzajt l-ebda vjolenza fuqhom. Kull ma ghamilt kien li mbuttajthom lura sabiex ma jmissuniex. Wiehed mill-pulizija li qalli li kien surgent tani daqqa fuq wicci”. Hi kompliet tghid li qalet lill-istess “..qed tweggani” u huma qalulha “.. issa tara x’naghmlulek”. In oltre waqt li kienu qed jerfughha, kif diga gie deskritt mill-akkuzata, hi qaltilhom li xtaqet tinzel wahidha kif ukoll hi xtaqet li tilbes gakketta ghax kienet ix-xitwa u kienet liebsa qmis. Kif kienet qed titnizzel it-tarag, il-qmis infethet. Pero meta riedet taghlaq il-qmis, il-pulizija mara rrimarkat “dak mizzewweg u mhux ser jiskrupla” u ma hallithiex taghlaqha. Ghalhekk kif waslet vicin il-bieb ta’ barra, “jiena bdejt inzomm sabiex ma johorguniex barra” izda ghal xejn. In oltre, allegat li “kelli par imsielet tilfuhomli” kif ukoll “hallewli l-bieb tal-‘antiporta’ miftuh berah” u b’hekk harbilha l-kelb. Fit-tragitt lejn l-imsemmija Facilita Korrettiva ta’ Kordin, hi lmentat illi l-pulizija, pejpu avolja hi qaltilhom li dan jghamlilha hazin anzi wiehed minnhom beda “.. jitfa d-duhhan f’wicci” u qalilha “li talli gzathom ara x’ser naghmlulek”. In oltre, fl-istess Facilita, l-pulizija li kienu gabuha hawn “bdew jidhku u joghrku jdejhom” u b’hekk “... bdejt nghajjarhom ‘pufta’ ”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ezaminati u analizzat dak kollu rilevanti ghal dan il-kaz, ghandu jinghad is-segwenti:

a) Meta xehedet ‘<u>viva voce</u>’ quddiem din il-Qorti, u dan fit-3 ta’ Arpirl 2001, l-akkuzata, kif jidher mill-premess, ghamlet allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-pulizija nvoluti f’dan il-kaz. Ghalhekk l-istess Qorti qieset jekk dawn il-pulizija oltrepassawx dak stipulat fl-Artikolu 355 tal-Kodici

Kriminali in rigward il-forza necessarja skond ic-cirkostanzi li trid tintuza mill-pulizija sabiex jigi esegwit ordni ta' arrest mahrug mill-Awtorita kompetenti. Dwar dan, il-Qorti tehtieg tghid li l-istess allegazzjonijiet saru ghall-ewwel darba meta xehedet quddiem l-istess Qorti u dan fit-3 ta' April 2001. L-istess akkuzata kellha l-jedd taghmel dawn l-allegazzjonijiet meta giet interrogata mill-pulizija fit-8 ta' Jannar 1995, f'liema okkazzjoni l-istess akkuzata, tista tghid, ghazlet li ma twiegeb ghall-ebda domanda li saritilha, kif kellha l-jedd li taghmel. Hi kellha ukoll id-dritt li taghmel rapport dwar dak allegat minnha kif ukoll li tinforma l-Qorti bl-istess allegazzjonijiet waqt il-presentata taghha quddiem il-Qorti. Izda dan ma sarx. Ghalhekk din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita, li fiz-zmien opportun, tezamina dawn l-allegazzjonijiet anke permezz tal-esperti forensici u medici relattivi. Di fatti l-istess allegazzjonijiet saru meta kien diga ddekorrew sitt snin u ghalhekk ma setghux isiru l-verifiki kollha necessarji ghal dan l-iskop.

b) Minn naha l-ohra, jidher li gie ppruvat li fil-fatt l-akkuzata ikkagunat feriti hfief fuq tlieta mill-pulizija nvoluti f'dan il-kaz waqt li hi ma pproduciet ebda prova, li hi, fil-fatt, sofriet xi ferita ta' kwalunkwe xorta. Dan il-fatt juri li fil-fatt kienet l-akkuzata li aggrediet l-istess ufficjali tal-pulizija waqt li dawn kienu qed jesegwixxu l-imsemmija ordni ta' arrest.

c) Ghandu jigi nnotat ukoll li meta xehedet l-akkuzata hi uriet li kienet xi ftit impreciza fix-xhieda taghha. Di fatti hi semmiet li l-incident in ezami gara f'gurnata tal-Hadd meta fil-fatt minn verifiki tal-istess Qorti is-6 ta' Dicembru, 1994 kien nhar it-Tlieta. Dan il-punt juri kemm hu stramb li l-akkuzata xehedet li f'gurnata tal-Hadd kienet ghamlet telefonata fil-Qorti minn fejn giet informata li ma kellha taghti xejn.

Illi minn dan kollu premess jidher evidenti li dak kollu li allegat l-akkuzata ma hux kredibbli jew attendibbli u b'hekk l-akkuzata trid tinstab hatja tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghha hlief in rigward l-akkuza kif migjuba kontra taghha in rigward kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku stante li din ma rrizultatx pruvata sufficjentement.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tillibera lill-akkuzata mill-akkuza talli fis-6 ta' Dicembru 1994, ghall-habta ta' xi 3.00 pm gewwa l-habs civili ta' Kordin qalet kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u tilliberaha minnha, issib lill-istess akkuzata hatja talli fis-6 ta' Dicembru 1994 ghall-habta ta xi 2.00 pm go Triq San Guzepp l-Isla:

a) Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 238 Michael Carter, PC 178 Carmelo Curmi, PC 299 Charles Mallia u WPC 79 Anna M Johnson persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil waqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

b) Ingurjat jew heddedt u ghamlet offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 238 Michael Carter, PC 178 Carmelo Curmi, PC 299 Charles Mallia skond ma ccertifika Dr E Farrugia MD tac-centru tas-Sahha, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu dan is-servizz jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

c) Kisret il-bonordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.

d) Ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija.

e) Qalet kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Rat l-artikoli 95(1), 96, 338 (bb) (dd) (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, wara li qieset li dan l-incident ma kellux xi konsegwenzi gravi kif ukoll li sa l-istess incident l-akkuzata kellha fedina penali netta u nadifa ghal kollox (fol 7 tal-atti) l-istess akkuzata ghandha tigi trattata bhala 'a first time offender' skond il-Kapitolu 446 (gia Kapitolu 152) tal-Ligijiet ta' Malta liema kapitolu kien 'in vigore' fid-data tal-istess incident.

Ghaldaqstant il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-istess Kapitolu 446 (gia Kapitolu 152) citat, tordna li l-akkuzata tigi liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tlett xhur millum stess.

--------------------------------TMIEM--------------------------------